

32006E0407

L 158/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.6.2006

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2006/407/PESK**tas-7 ta' Ġunju 2006****li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/643/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh (Indoneżja) (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh - AMM)**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-27 ta' Frar 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/202/PESK li temenda u testendi l-Azzjoni Konġunta 2005/643/PESK dwar il-Missjoni ta' Monitoraġġ ta' l-Unjoni Ewropea f'Aceh, l-Indoneżja (Missjoni ta' Monitoraġġ f'Aceh -AMM) ⁽¹⁾ għal-perjodu ta' tlett xhur.
- (2) Fil-5 ta' Mejju 2006 l-Gvern ta' l-Indonesja stieden lill-UE testendi l-mandat ta' l-AMM għal perjodu ieħor ta' 3 xhur sal-15 ta' Settembru 2006. Il-Moviment Aceh Ħieles (GAM) ukoll indika l-appoġġ tiegħu għal tali estensjoni tal-missjoni.
- (3) Fil-11 ta' Mejju 2006, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà tenna tenna l-appoġġ tiegħu għall-proċess ta' paċi f'Aceh u esprima l-appoġġ tiegħu għar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli sabiex il-mandat ta' l-AMM jiġi estiż b'perjodu ieħor ta' 3 xhur.
- (4) L-Azzjoni Konġunta 2005/643/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2005/643/PESK hija emendata kif ġej:

Fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 16, id-data għandha tinbidel bid-data li ġejja:

"15 ta' Settembru 2006".

Artikolu 2

L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri n-nefqa addizzjonali relatata mal-missjoni għall-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2006 sal-15 ta' Settembru 2006 għandu jkun EUR 300 000.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, nhar is-7 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
K.-H. GRASSER

(1) ĠU L 71, 10.3.2006, p. 57.